MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 751/2003

**Andrews Feeds (Malta) Ltd.**

**vs**

**Frans Said**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 t'April 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija disa' u sebghin Liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm679.36) rapprezentanti valur ta' ghalf ordnat mill-konvenut u konsenjat lilu mis-socjeta' attrici.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Carmel Chircop in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija disa' u sebghin Liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm679.36).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------